# Ħsieb għax-xahar ta' Awwissu

## Santa Marija



Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Hekk jismu l-aħħar kapitlu tal-istorja ta' Marija. Jismu hekk għax din kienet l-aħħar ġrajja ta' ħajjitha fuq din l-art.
Il-festa tal-Assunta mhix il-festa ta'Marija biss. Din xi darba għad tkun il-festa tagħna ukoll. Meta u kif, Alla biss jaf. Illum qiegħdin niftakru fid-destin aħħari tal-ħlejjaq kollha. Fosthom hemm jien u int.
Din mhix festa biex inżidu l-unuri lil Marija. Din hija x-xorti tal-umanita' mifdija. Illum il-Madonna tidher bħala għalliema tal-ħajjan isranija. Trid tgħidilna: Għix u hekk intom ukoll. Is-sema li ksibt jiena għad tiksbuh intom ukoll.
L-iskop tal-ħajja ma hux f'din id-dinja, imma fl-oħra. Għal min irid jitgħallem: il-Madonna qiegħda tħares lejna ghax trid tgħidilna xi ħaġa. Il-Madonna qiegħda b'dirgħajha miftuħa 'l fuq biex turina id-destin tagħna. Alla huwa ċ-ċentru tal-istorja u mhux il-bniedem.
Fl-aħħar nett il-festa tal-llum tfakkarna fir-rispett li għandu jkollna lejn il-ġisem. Il-ġisem huwa don t'Alla. Il-post aħħari tal-ġisem huwa: msebbaħ u fil-ġenna. Mela nużawh kif iridna Alla. Anke l-ġisem huwa tal-Mulej.

***Fr Jonathan Debattista***

## Pier Giorgio Frassati



Fit-3 ta' Awwissu ta' din is-sena, għandu jiġi ikkanonizżat il-Beatu Pier Giorgio Frassati. Pier Giorgio twieled Turin fis-6 ta' April 1901, iben il-fundatur u direttur tal-gażżetta 'La Stampa'. Pier Giorgio, għalhekk, kien ġej minn familja tat-tajjeb imma minn eta' żgħażugħa beda juri l-imħabba tiegħu lejn min kien inqas ixxurtjat minnu. Ta' 17 'il sena daħal fis-Soċjeta' ta' San Viċenz de Pauli u kien attiv ħafna fl-għajnuna lill-foqra u lis-suldati li kienu qed jirritornaw mill-ġlied ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija. Kien membru tat-terz ordni Dumnikan; l-għaxqa tiegħu kienet li jixxabbat mal-muntanji. Miet fl-1925, fl-eta' ta' 24 sena minn attakk tal-polio, marda li seta' ħadha waqt is-servizz tiegħu mal-morda. Il-Papa Ġwann Pawlu II kien sejjaħ lil Pier Giorgio Frassat "raġel tat-tmien beatitudni".

***Kif tħalli mil-lum għall-għada meta tista' minn issa stess tħobb 'Alla f'qalbek?***

# Regia ta' Malta Bullettin Leġjunarju.

Awwissu 2025

## Prattika Spiritwali

### GĦAŻLIET JAĦARQU

Meta nkunu żgħar jagħżlu għalina. Imbagħad nibdew nikbru u nibdew nagħmlu l-għażliet tagħna. Hekk il-ġenituri għażlu li jgħammduna imma issa jmiss lili llum li ngħix kif irrid. L-għażliet li nagħmlu jikxfu x'irridu, min aħna u x'għandna f'qalbna. Ikollna nagħżlu f'ġungla ta' possibiltajiet, fost inganni, trobbija u interessi anki partitiċi. Għażla hija tiċrita u teskludi mitt possibilta' oħra. Hemm għażliet ħfief imma hemm oħrajn li jridu l-ħsieb u fit-tul, dixxerniment għaqli. Altru tiddeċiedi għalik u l-froġa li tagħmel tikolha int u altru l-għażla tiegħek taffettwa/tweġġa' lil oħrajn, il-familja jew il-grupp. Hemm għażliet li ngawdu l-effett tagħhom ħajjitna kollha, imma hemm oħrajn li nbatu l-konsegwenzi tagħhom ħajjitna kollha. Naħseb li lgħażliet kbar huma dawn: nagħżel l-issa, l-immedjat jew nistenna, naħseb x'jiġri wara; nagħżel il-jien jew l-oħrajn; nagħżel li ngħix ta' nisrani jew bla Alla; nagħżel li nkun favur il-ħajja jew favur il-mewt. Żgur li kull għażla għandha l-konsegwenzi tagħha u tgħabbini bir-responsabbiltà.

**Iddiskuti:**
**1. Fl-għażliet li jkollok tagħmel itlob lill-Ispirtu s-Santu u lil Marija.**
**2. Barra t-talb, x'igħinek biex tagħmel għażliet għaq**

***Dun Karm Gauci***

### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Awwissu Biex Ngħixu flimkien fis-Sliem



Nitolbu għal dawk il-postijiet fejn in-nies isibuha diffiċli jgħixu flimkien biex ma jaqgħux għat-tentazzjoni tal-konfrontazzjoni minħabba diverġenzi etniċi, politiċi, reliġjużi jew ideoloġiċi.

***Ħobbu bla qies kif jistħoqqlu li jkun maħbub***